MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Numru. 151/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Antonia Muscat mart Peter Paul u bint Philip Azzopardi u Francesca nee' Mercieca, imwielda fl-10 ta' Marzu, 1947 u residenti fil-fond 45, Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 24947(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Antonia Muscat li giet akkuzata talli nhar il-31.01.2010 ghall-habta ta' 09:30hrs fi Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex;

1. b'mod volontarju kisret il-paci pubblika b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;

2. aktar talli hebbet minghajr ma darbet ghal Mary Jane Gauci minn Sannat;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2011;

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni (2) akkuza tinnecessita' l-kwerela tal-parti leza. Illi jirrizulta mill-atti illi l-kwerelanta rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputata u ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni (2) akkuza;

Illi fir-rigward tal-ewwel (1) akkuza, dina ma gietx ippruvata u kwindi l-Qorti qed tillibera lill-imputata mill-istess akkuza;

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputata mill-ewwel (1) akkuza, tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni (2) akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------